MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 704/1998/1

**Christopher Bonnici**

**vs**

**Antoinette Bonnici Bianchi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-17 ta' Gunju 1989, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A", mil-liema zwieg twieled il-minuri Jean Carl Bonnici fl-10 ta' Lulju 1992, kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. "B".

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

U illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbali tad-29 t’April 1999; tas-6 ta’ Mejju 1999 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Yana Micallef Stafrace bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; u tal-14 t’Ottubru 1999.

Rat in-nota tal-attur Christopher Bonnici datata 19 t’Ottubru 1999 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tieghu, ta’ Alfred Bonnici u ta’ Christopher Zammit li gew debitament notifikati lill-kontro-parti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-22 t’Ottubru 1999 a fol. 24 fejn gie eccepit:-

1. Illi taqbel li hemm lok li z-zwieg jigi annullat pero’ ghal tortijiet unikament imputabbli lill-attur.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat il-verbali tas-16 ta’ Marzu 2000 u tad-9 t’Ottubru 2000. Rat ir-rikors tal-attur tas-7 ta’ Novembru 2000.

Rat il-verbali tat-12 ta’ Frar 2001 fejn b’referenza gharrikors tal-attur tas-7 ta’ Novembru 2000 ordnat lill-Perit Legali zzomm zewg seduti ghall-provi tal-konvenuta u fin-nuqqas tghaddi ghar-rapport fuq il-provi migbura; tal-15 ta’ Gunju 2001; tat-22 ta’ Novembru 2001; tas-17 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tat-22 t’Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali Dr. Yana Micallef Stafrace halfet ir-rapport; u tal-20 ta’ Novembru 2002 fejn wara li Dr. Anthony Ellul ghall-attur irrimetta ruhu ghar-rapport, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali u s-seduti minnha mizmuma, ix-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(i) PROVI MIGBURA.</u>

**L-attur** xehed *viva voce* u permezz ta’ affidavit. Fl-affidavit tieghu xehed li zzewweg meta kellu (22) tnejn u ghoxrin sena u kien jaf lill-konvenuta ghal ftit zmien biss qabel ma zzewgu, u kien jaraha ta’ ftit u sad-9:00 p.m. u wara kien johrog ma’ hbiebu u jiltaqa’ ma’ tfajliet ohra. Dawn generalment kienu jkunu frustieri, u fosthom jiftakar certa Elaine u Liza. Ma’ dawn in-nisa kien ikollu relazzjonijiet sesswali. Kien dara f’din il-hajja u qatt ma ha r-relazzjoni mal-konvenuta b’serjeta’. Il-genituri tieghu

kellhom idea sew tat-tip ta’ hajja li kien u qed jghaddi, u fil-fatt missieru kien jghidlu li iz-zwieg ma jghoddx ghalih.

Kien baqa’ f’dan l-istil ta’ hajja sa gimgha qabel ma zzewweg u fil-fatt ftit wara li zzewgu, wara ftit gimghat kien rega’ beda johrog ma’ hbiebu u jiltaqa’ ma’ nisa ohra.

Ftit qabel ma zzewgu l-konvenuta kienet iggieldet ma’ ommha li ma rieditux u spiccat marret toqghod ghand in-nannna tal-attur u ghat-tieg ma kien gie hadd mill-familja tal-konvenuta. Hu kien thassarha u dan kien il-mottiv ewlieni ghaliex izzewwigha.

Kellhom tarbija izda xorta sseparaw fl-10 ta Ottubru 1994 peress li kellhom hafna glied.

Illi in kontro-ezami l-attur xehed hekk:-

*“Meta ltqajna l-konvenuta kellha xi sbatax-il sena u jien xi tmintax, u meta zzewigna kellha xi ghoxrin sena.*

*Fil-perjodu tal-gherusija kont nohrog sad-9.00 u wara nohrog Paceville niltaqa’ ma’ hbiebi. Lilha kont nghidilha li sejjer id-dar. Kont nghidilha hekk ghax kieku kienet tghir ghalija.*

*Barra kont ngib ruhi ta’ xi hadd li m’ghandu ’l hadd. Kont nigi guvni. Jekk shabi kienu jmorru f’post fejn hemm in-nisa kont immur maghhom. Nikkonferma li waqt li kont gharus kelli nisa ohra kemm Maltin kif ukoll barranin. Ma dawn kien ikolli rapporti sesswali wkoll.*

*Jiena lil Antoinette ma kontx nhobbha, mhux bhalma naf illum xi tfisser imhabba li ghandi tletin sena.*

*Kont nghidilha “iva” ghal kollox li tghidli Antoinette fuq it-tieg biex naghlqilha halqha. Jien ma kont involut f’xejn. Xi darba mort inkellem lill-kappillan ghax bilfors.*

*Qatt ma ppjanajna kif ser inkunu familja. Qatt ma ddiskutejna kemm ser ikollna tfal. Kollox ta’ malajr peress li kellha l-inkwiet m’ommha u kellha titlaq mid-dar.*

*Izzewwigna peress li kienet toqghod man-nanna tieghi u ma kellhiex fejn tmur.*

*Darba dhalt ghand ommha u kont isfel u nisma' lil ommha fuq tghidilha li m'ghandiex x'tambini u jien rrabjajt u tlaqt 'il barra u l-konvenuta giet tigri warajja.*

*Jien kont tlaqtha u ghamilt xi gurnata lanqas ridt inkellimha.  Pero' hi hadet xi pilloli u jien nkwetajt ghax rajtha li hadet il-pilloli u b'hekk mort lura maghha.*

*It-tieg ma kienx normali, fis-sens illi l-famija taghha hadd ma gie peress li ma stednithomx hi".*

Illi l-istess attur kompla jixhed hekk:-

*"Veru li kelli nisa ohra u kelli relazzjonijiet sesswali maghhom qabel iz-zwieg.*

*Il-konvenuta ma kenitx taf ghax jien ma ridthiex tkun taf. Kont nahbillha, per ezempju nghidilha li sejjer ix-xoghol u minflok immur Paceville u ngawdi.  Hi tkun xoghol 'night', u jien nitlaq Paceville jew fejn nigbor in-nisa.*

*Dik fil-karozza kienet wahda minnhom minn dawk li kelli x'naqsam maghhom.  Meta saqsietni gdibtilha ghax kienet tfajla tieghi.  Kont ili xhur maghha qabel ma zzewwigt. Ivvintajtilha storja li t-tfajla ta' habib tieghi mahrub minn Malta u hi kienet mieghi biex insibulha.*

*Kienet 'pregnant' u bdiet tibki ghax qabditni l-konvenuta. It-tarbija assumejt li tieghi.  Wara korriet.*

*Din biss naf li harget tqila minni.  Dan dejjem xi tliet xhur qabel iz-zwieg".*

In kontro-ezami ulterjuri l-attur xehed illi:-

*"Sa fejn naf jien ma kellix tfal qabel iz-zwieg.*

Domanda: *Inti kont thallas xi manteniment lil xi hadd qabel ma zzewwigt?*

Risposta: *Le. Kollha kellhom paga ahjar minni.*

Domanda: *Tfal qabel iz-zwieg kellek?*

Risposta: *Hlief l-episodji tal-karozza ma nafx.*

Domanda: *Min hi Marika?*

Risposta: *Wahda kont nohrog maghha wara z-zwieg.*

Domanda: *Tini kunjomha.*

Risposta: *Ma nistghax.*

Domanda: *Ma' Marika kemm domt?*

Risposta: *Wara z-zwieg domt xi sentejn 'straight' maghha kif ukoll kontemporanjament ma' ohrajn. Ma jidhirlix li maghha kont qabel iz-zwieg. Kont ma' ohrajn.*

*Marika ma niftakarx x'inhu kunjomha, ma nafx x'inhu l-indirizz taghha. Jista' jkun li kunjomha Deguara. Jiena qatt ma ghext maghha taht l-istess saqaf.*

*It-tfajla tal-karozza kienet mieghi qabel li zzewigna izda mhux ser naghti isimha minhabba li llum hadet l-istat taghha u ma rridx ngibha f'inkwiet.*

Domanda: *X'inhuma l-indirizz u isem u kunjom ta' dik tal-karozza.*

Risposta: *L-indirizz taghha ma nafux. It-tfalja tal-karozza kienet tqila. Qaltli li minn tieghi u wara tilfitu.*

*Rigwardanti tfal il-Hockey Club, jien ma niftakarx li erfajt xi tfal u jekk stess mhux tieghi. Dan waqt iz-zwieg veru li gieli mort ma' Marika l-Hockey Club u bnadi ohra. Sa fejna naf jien ma kellix tfal.*

*"Cheto" kien habib tieghi fis-sens li nafu bhal ma naf nies ohra Hal-Qormi. Gieli hadtu mieghi nara lil Marika ghax kien importanti ghalija f'xoghli ta' Pulizija.*

*Ismu propju ngibu b'xi mod ghax ma nafx x'inhu izda indirizz ma nafx jirnexxilix."*

Xehed ukoll **Charles Zammit** permezz ta' affidavit.

Xehed li kien ilu jaf lill-attur ghall-tlettax-il sena (affidavit 1999) u kienu hbieb sew u kien qallu meta beda jkellem lil konvenuta u li ma kellu l-ebda hsieb li jintrabat. Wara li kien beda jkellem lill-konvenuta xorta baqghu johorgu flimkien u l-attur kien jiffrekwenta tfajliet ohra. F'dan il-perijodu gieli fis-sajf biss hareg ma' tmien tfajliet ohra. Fil-fatt minhabba din l-attitudni qatt ma ghaddielu minn mohhu li l-attur kien qed jiehu bis-serjeta' r-relazzjoni ta' mal-konvenuta. Kien isemmi biss hrug u qatt ma jsemmi zwieg u bil-kemm ried jemmen meta zzewweg, u fil-fatt dik il-gimgha stess kien rah ma' Ngliza. Wara li zzewweg kwazi mill-ewwel rega' qabad il-hrug u n-nisa. Ftit wara li izzewweg kien telaq jghix mal-genituri .

**Alfred Bonnici** missier l-attur xehed permezz ta' affidavit li l-attur ma kienx jiehu l-hajja bis-serjeta' u ma riedx jidhol ghar-responsabilta' ta' zwieg. Fil-fatt kellu hafna tfajliet. Kien jghidlu jrabbi l-ghaqal izda essenzjalment kien jinjorah. Fil-fatt meta semma tfajla li riditu bis-serjeta' hasibha cajta. Induna li tfajla serja u fil-fatt haseb li ma tantx ser idum maghha . Fil-fatt hi kienet trid tissetilja izda l-attur baqa' mohh ir-rih. Meta kien johrog mal-konvneuta xorta kien baqa' johrog ma' hbiebu u gieli semghu jsemmi nisa ohra li kien qed jiffrekwenta. Kien qallu li mhux sew izda lill-konvenuta qatt ma fethilha ghajnejha peress li ma kenitx haga tieghu. Forsi mizzewweg kien jinkwetah anqas ukoll.

Wara li zzewweg baqa' johrog u ftit wara gie lura d-dar tieghu.

Min-naha taghha **l-konvenuta** xehdet hekk:-

*"Jien zzewigt lill-attur fis-17 ta' Gunju 1989.*

*Konna ilna nafu lil xulxin xi hames snin. Kienu snin tajba. Jiena ntih is-'soft toys' u hu jtini l-fjuri jdoqqu.*

*Konna niltaqghu kuljum. Jiena kont nghix tajjeb id-dar. Ommi kienet tissikkani. Kienet antikwata u kont rrid inkun id-dar kmieni fid-9:00 p.m. Kelli ghoxrin meta zzewwigna. Kellha naqra ragun, kont zghira.*

*Hu kien johrog mal-hbieb, dan qabel ma ltqajna.*

*Jiena ltqajt mieghu barra izda proprja ltqajt mieghu meta konna nahdmu flimkien il-fabbrika, u b'hekk konna niltaqghu kuljum. Jiena tlaqt bhala 'cabin crew' li hu Pulizija izda xorta konna niltaqghu kuljum. Kien jigi hu ghandi jew jien ghandu. Suppost kont nigi d-dar fid-9:00 u meta ndum aktar tirrabja.*

*Jien insemmi lil ommi, ghax missieri jafdani. Jghidli noqghod attenta. Ommi qisa ma tafdanix.*

*Wara li jitlaqni kien jghidli li jmur ghand ommu. Bhala fatt pero' ma nafx x'kien jaghmel. Gieli cempiltlu u sibtu.*

*Il-mama' kienet tahseb li jiena kont nghin l-attur bil-flus u Chris kien ihoss ghalija li ommi kienet tissikkani u wasalt biex iddecidejt li bi Chris jew minghajru jien kont ser nitlaq mid-dar.*

*Kelli 'flight' u sibt lil Chris l-'airport' u qalli ejja ha mmorru ngorru l-affarijiet. Dak il-hin bqajt sejra ghandu minghajr ma kont naf qabel. Bqajt nghix ghandhom xi zmien. Qatt ma konna niddiskutu li ser immur nghix ghandu. Ma kontx naf li ommi ser tibqa' bla sens.*

*Ghall-bidu kont norqod mal-art ghandhom u mbaghad tani s-sodda huh u huh jorqod mal-art. Hu gieli raqad ma' l-art u gieli mort hdejh jien.*

*Kien hemm zmien fejn mort norqod ghand in-nanna tieghu.*

*Jien tlaqt ghal kollox minghand ommi u ma kontx nkellimhom. Ommi ma xtaqitnix nizzewweg kif kont tlaqt mid-dar. L-oggezzjoni li kien hemm fuq Chris kienet fuq il-politika.*

*Ma nemminx li kellu tfajla ohra waqt li konna gharajjes.*

*Kont niltaqa' mieghu mal-hbieb tieghu. Sa fejn naf jien ma kienx johrog maghhom Paceville.*

*It-tieg ommi u missieri ma gewx. Ma xtaqtux li nizzewweg ghax tlaqt mid-dar. It-tifla ghandha tohrog mid-dar t'ommha bi ftehim. Jiena ma stedinthomx. Webbisna rasna.*

*Ir-rinkonciljazzjoni mal-genituri sehhet meta kont tqila. It-tnejn ippjanajna t-tieg. Mhux vera li qatt ma gie mieghi. Gieli anke gie missieru. Konna nfaddlu flimkien.*

*Missieru hallsilna l-'liquers'. Meta t-tifel kellu tliet xhur gie fuqi u qalli "jien irrid nsir guvni mill-gdid, ejja mieghi ghand l-avukat u ntik kollox." Tant tani kollox li l-kunjata riedet il-'cooker'!*

*Jien lill-genituri tieghi ma ghidtilhom b'xejn izda lill-genituri tieghi ghidtilhom biex jghinuna ninghaqdu. Chris ma ried b'xejn. Qatt ma qalli ghaliex ried isir guvni".*

In kontro-ezami l-istess konvenuta kompliet tixhed illi:-

*"Veru li qabel it-tieg rajtu f'karozza ma' mara ohra li kienet qed tibki u tolfoq fuqu u hu kien fuq l-'isteering' tal-karozza taghha. Qalli li t-tfajla ta' Jeffrey ta' San Pawl u ghidtlu li dak mhux lil Marlene ghandu. Hu qal li Jeffrey iehor u meta ghidtlu l-Jeffrey iehor fejn hu qalli mahrub minn Malta. Qalli ukoll li t-tfajla pregnant. Missieru u ommu kkonfermaw.*

*Izzewwigt ghaliex jiena gieghluni nahseb li mhux veru li qed jaqlibhieli. Li kieku kont naf li qed jaqlibhieli zgur li ma kontx nizzewweg.*

*Waqt li Chris ried jitlaq certu "Cheto" habib ta' Chris kien gie fuqi u qalli li ghandu zewgt itfal minn certu Marika. Saqsejt lil Chris li cahad. Irrizultali minn dak li qalli 'detective' li Chris kien qed idur ma' din f'Paceville. Chris telaq mid-dar bazikament wara li qalli li jrid jitlaq.*

*In-nanna tieghu qaltli li ma tafx bit-tfal ta' Marika izda fuq tqala.*

*Li kieku kont naf fuq dan it-tahwid kollu zgur ma kontx nizzewgu. Meta ried jirrikoncilja saqsejt it-tfal fejn kienu. Qalli biex ma noqghodx nsaqsi. Ghidtlu biex nerga' nirrikoncilja nixtieq nerga' nidhol ghaliha b'ghajnejja miftuha. Qabel iz-zwieg ma kienx hemm 'full intercourse'. Kien ikun hemm affarijiet ohra li nohorgu sodisfatti. Jien kont vergni meta zzewwigna.*

*Qabel iz-zwieg ma kienx jahdem ta' 'bouncer'.*

*B'riferenza ghall-post fejn ltqajna, ahna ltqajna go Disco mhux il-fabbrika. Ghamilna perjodu waqt li konna nohorgu, xi sentejn, nahdmu flimkien.*

*Wara li kien iwassalni d-dar l-attur gieli kien jibqa' mieghi ghal xi zmien wara. Meta ghidt li ommi ma bsartx li ser tibqa' bla sens, ridt nfisser tissikkani.*

*Kont norqod ghand in-nanna tieghu u mhux tieghi peress li hi ma kenitx tiehu gost li norqdu taht l-istess saqaf u kellha aktar post. Jiena fil-fatt hrigt minghandha ghat-tieg.*

*Ir-rikonciljazzjoni mal-genituri sehhet meta kont tqila bit-tifla.*

*Dwar l-incident mal-habib tal-attur li nsejhulu il-"Cheto" nghid li kont rikkibtu go karozza u kien qalli biex ma nippruvax nkompli nirrikoncilja ma' Chris peress li kellu tfal li jien ma kontx naf bihom. Qalli li certu Marika li tahdem il-B.O.V. San Gwann, u gieli mar mieghu meta Chris kien imur ikellimha l-bank. Kellha zewgt itfal minn Chris u gieli gabithom il-Hockey Club Hal-Qormi.*

*Meta jien ma ridtx nemmnu u ghidtlu "mela t-tfal jigu hekk?" rega' kkonferma li jiena missni naf kif jigu t-tfal u li Chris kellu zewgt itfal.*

*Din ix-xniegha kont diga' smajtha minghand in-nanna u zijiet u dawn qalu li semghu hekk.*

*Meta smajt dan id-diskors konna diga' mizzewgin.*

*Li kieku kont naf li kellu t-tfal zgur ma kontx nizzewgu.*

*Jien mort fuq din Marika. Mort gol-bank tal-B.O.V. San Gwann fjen kien indikali 'l "Cheto", u konna separati legalment ghax xtaqt ikolli l-annullament snin ilu.*

*Jien staqsejtha kellhiex tfal. Qaltli li kienet xebba u ma kellhiex tfal, izda li hi xtaqet li Chris ikollu annullament izda Chris ma riedx.*

*Ftit wara cempilli Chris jew iltqajna u qalli ma nkellimx tfajliet li jkun qed johrog maghhom.*

*Hu dejjem cahad li kellu tfal ohra.*

*Ma nistghax nghid jekk Marika kenitx l-istess wahda tal-karozza.*

*Jiena dejjem insemmi tfal peress li jghiduli li l-kbira tifla u tifel jew tifla izghar. Dettalji fuq l-eta' taghhom ma kellix. Din kienet l-informazzjoni li kelli.*

Domanda: *Jekk nghidlek li t-tfajla li rajt tibki fil-karozza mar-ragel jisimha Marika xi tghidli?*

Risposta: *Ma nafx x'jisimha.*

Domanda: *Jekk nghidlek li Chris qabel iz-zwieg kellu diga' zewgt itfal minghajr inti ma kont taf minghand certu persuna li jisimha Marika li kienet l-istess persuna li int rajt tibki fil-karozza, xi tghid?*

Risposta: *Zgur Chris qatt ma qalli b'dan qabel iz-zwieg u zzewigtu xorta, anzi nerga' nghid li kieku kont naf ma kontx nizzewweg."*

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi fic-citazzjoni pprezentata mill-attur qed jitlob li z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett, billi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (g) u /jew (d) u /jew (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**Illi l-Artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) u (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet Ta' Malta** jiddisponu kif gej:-

**19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null –*

**(d)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

**(f)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

**(g)** *jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur;*

Illi l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna. Min jidhol ghaz-zwieg irid ikollu maturita' ta' hsieb li jwassal sabiex ikun jista' jidhol ghal din ir-rabta.

Illi mill-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna johrog li l-kunsens rikjest f'dan it-tip ta' kuntratt hu *sui generis,* b'hekk il-partijiet *oltre* li jridu jkollhom il-kapacita' li jaghtu

dak il-kunsens, izda jridu jkunu jafu x'ifisser zwieg. Illi b'hekk meta dan l-element ikun nieqes hemm dubji dwar il-validita' ta' dak il-kuntratt.

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus .... richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile; in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e' di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita' (Forum 1990. Vol. I, part 1, pg. 72).*

Dan ma jfissirx li jrid ikun hemm xi maturita' perfetta izda wiehed irid ikun jaf x'ifisser zwieg u l-obbligi u drittijiet naxxenti minn dan il-kuntratt. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, il-Qorti esprimiet ruhha fil-fond fuq il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju u kkwotat il-**Bersini** b'dan il-mod.

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva... ... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emottivita' che se sono turbati o inadeguati intraccano direttamente la volonta" e possono privare della liberta scelta interiore. ..... Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il* ***grado*** *di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atlo derivano. Una*

*discrezione che impegni per il futuro.' ('**Il Diritto Canonico Matrimoniale' - Bersini - Torino 1994**).*

Isegwi li wiehed irid ikun lest li jodempera ruhu mal-obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja taz-zwieg. Dawn mhux elenkati fil-Kap 19 izda kif stqarret il-Qorti fl-istess sentenza dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Fil-kaz taht ezami deher car li l-attur kellu attitudni versu z-zwieg li juri li fil-fatt ma kellux idea x'ifisser zwieg.

Stqarr bla tlaqliq li tfajliet *oltre* l-konvenuta kellu tul l-gherusija kollha kif ukoll prattikament sa lejliet, kif ukoll mill-ghada, taz-zwieg. Ma kellu l-ebda kuncett ta' fedelta lejn l-konvenuta. Dan kien fatt risaput minn shabu (*vide* xhieda Christopher Zammit) u suspettat minn familtu ( *vide* xhieda ta' missieru). Hu xehed ukoll li zzewweg lill-attrici peress li kien ihoss ghaliha u ukoll peress li kellha titlaq mid-dar tal-genituri taghha minhabba fih.

Dan imur kontra dak kollu kif spjegat fil-paragrafi precedenti. L-element ta' fedelta' kien non ezistenti da parti tal-attur u *inoltre* l-immaturita' tal-attur kienet lampanti wkoll meta ddecieda li jizzewweg ghax kien ihoss ghall-attrici u peress li kellha titlaq mid-dar taghha minhabba fih.

Ma rrizultax li xi wahda mill-partijet rabtet il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi minn dan kollu din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-Perit Legali fis-sens li mill-provi prodotti jirrizulta li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmir essenzjali ta' fedelta' kif fuq spjegat, u dan peress li l-attur ma jidhirx li kellu idea ta' konvivenza u lealta` lejn il-konvenuta, u mhux hekk biss, izda jidher ukoll li *a priori* eskluda mill-kunsens tieghu tali kuncetti li huma elementi essenzjali

ghall-hajja mizzewga b'dan li l-kunsens tieghu kien ukoll simulat peress li qatt ma ried li huwa jaderixxu ruhu ghall-istess. Fil-fatt il-konvivenza tieghu mal-konvenuta kienet karatterizzata bir-relazzjonijiet tieghu ma' nisa ohra u l-atteggjament tieghu ried jghix hajja ta' guvni, tant li wara ftit snin ta' konvivenza huwa abbanduna lill-istess attrici u lill-minuri.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fis-17 ta' Gunju 1989 huwa null u bla effett fil-Ligi u dan senjatament *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**